MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 87/2013

**A B bhala kuratrici ad litem tal-minuri K M b'digriet tal-Qorti tad-19 ta'Gunju 2013**

**vs.**

**C (C V) D,**
**F M u**
**d-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat F M izzewgu f'Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006);
2. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat F M isseparaw de facto f'Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Di piu', l-partijiet isseparaw de jure u dana skond kif muri mill-kuntratt ippublikat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena

elfejn u tlettax (2013) hawn anness u mmarkat Dokument A;
3. Illi fit-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), ir-rikorrenti A B welldet lit-tarbija minuri bl-isem ta’ K kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument B;
4. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri gie dikjarat illi missier it-tarbija kien l-intimat F M, fil-fatt il-minuri K giet koncepita fil-kors ta’ relazzjoni li r-rikorrenti A B kellha ma’ l-intimat l-iehor C D (certifikat tat-twelid ta’ C D hawn anness u mmarkat Dokument C);
5. Illi l-paternita tal-minuri K giet stabbilita permezz ta’ testijiet genetici li saru apposta u illi qed jigu hawn annessi u immarkati bhala Dokument D;
6. Illi ghalhekk l-intimat F M mhuwiex il-missier naturali tal-minuri K izda huwa l-intimat l-iehor C D li huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri;
7. Illi r-rikorrenti nomine taf b’dawn il-fatti personalment;
8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet in vista tal-premess li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti nomine nhar it-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), bl-isem ta’ K, m’hijiex il-wild naturali ta’ l-intimat F M, izda l-wild naturali ta’ l-intimat l-iehor C D;
2. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri K li ghandu n-numru progressiv t’iskrizzjoni (3/2013) sabiex il-parternita’ ta’ l-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, u dan billi :
(i) Fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom ‘M’ u tbiddlu bil-kunjom ‘D’ sabiex id-dettalji f’din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss : ‘K D’;
(ii) Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tarbija tikkancella l-isem ‘F M’ u tbiddlu bl-isem ‘C (C V) D’;

(iii) Fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument ta' l-identita ta' missier K flok '293784 Maltese ID Card Number' jitnizzel '118070M Maltese ID Card Number';
(iv) Fil-kolonna fejn hemm indikat eta' ta'missier K flok '28' jitnizzel '42';
(v) Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta' missier K minflok 'Pieta Malta' jitnizzel 'Sliema Malta';
(vi) Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tar-residenza ta' missier K flok 'Birkirkara Malta', jitnizzel 'Gharghur Malta';
(vii) Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet (missier il-missier tat-tarbija), flok 'John M (alive)' jitnizzel 'Edward Victor D (dead);
(viii) Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom omm K tikkancella il-kliem 'the said' sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jinqraw kif imiss : 'A B nee B wife of F M'; u tawtorizza u tordna;
(ix) Kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' C D a fol 25 tal-process li permezz taghha jammetti t-talbiet attrici u jhoss illi fl-interess ta' l-istess minuri K M, t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, ghall-inqas mill-atti li gew notifkati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri K M skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Minghajr pegudizzju ghas-suespost, in vista tad-dikjarazzjoni kongunta maghmula mir-rikorrenti A B u

minn F M fil-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn Nutar Ruth Antoinette Grima fis-26 ta' Marzu 2013, fis-sens li t-tifla K ma hiex il-wild naturali u bijologiku tar-ragel, kien ikun ahjar li l-partijiet, qabel ma gie registrat it-twelid tat-tarbija, qablu illi ai termini ta' Artikolu 280 (c) tal-Kodici Civili jiddikjaraw bil-miktub u bil-gurament illi matul il-perjodu shih ta' tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali u hekk kien jigi registrat mill-bidu illi t-tifla ma hiex bint F M;

3. Illi bal ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri K M, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri K M ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 3 tas-sena 2013;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;
Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri K *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri, li twieldet nhar it-8 ta' Dicembru 2012, u cioe' fi zmien meta kienet ghadha legalment mizzewga lill-intimat F M u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat F M, l-istess minuri m'hijiex bintu naturali izda hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor C D. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza, qieghda titlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li F M m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tal-intimat l-iehor C D.

Min-naha tieghu, l-intimat C D jammetti t-talbiet attrici fl-*intier* taghhom u jirrileva li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li t-talbiet attrici jigu milqugha.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li hija relatata man-nuqqas ta' awtorizazzjoni mehtiega sabiex l-attrici tagixxi bhala kuratrici ad litem tal-minuri K M, jidher li din l-eccezzjoni giet survolata permezz ta' rikors intavolat mill-attrici stess datat is-7 ta' Mejju 2013[1], liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet moghti nhar id-19 ta' Gunju 2013[2].

Illi l-Qorti tirrileva li l-eccezzjonijiet rimanenti Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat F M izda l-wild naturali ta' C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti mill-ligi.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieldet nhar it-8 ta' Dicembru 2012[3], fi zmien meta kienet ghadha legalment mizzewga mal-intimat F M, l-istess minuri

[1] Esebit a fol 48 tal-process
[2] Esebit a fol 50 tal-process
[3] Ara a fol 13 tal-process

m'hijiex il-wild naturali tal-istess zewgha. Naturalment, *stante* li l-konjugi kienu ghadhom mizzewgin u jghixu taht l-istess saqaf, l-ebda perjodu ta' tlett mitt (300) gurnata ma seta' qatt jibda jiddekorri u konsegwentement, ma kienx hemm raguni valida sabiex l-istess minuri ma tigix mnizzla bhala bint l-intimat. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku jeccepixxi li kien ikun ahjar li kieku l-partijiet u qabel ma gie registrat it-twelid tal-minuri, qablu u ddikjaraw bil-gurament li matul il-perjodu shih ta' 300 jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kelllhomx relazzjonijiet sesswali u hekk kien jigi registrat mill-bidu li l-minuri m'hijiex il-wild naturali ta' F M. Dan kollu huwa minnu, pero' *stante* li dan baqa' ma sarx, il-qorti trid necessarjament tkun konvinta li hemm lok ghal bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Il-qorti tirrileva li permezz tal-affidavit taghha[4], l-attrici tikkonferma li l-missier tal-minuri K m'huwa hadd hlief l-intimat C D. Dan tal-ahhar, permezz tal-affidavit tieghu[5], ukoll jikkonferma li l-minuri hija bintu. Permezz ta' *test* xjentifiku[6] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri K verament il-wild naturali ta' C D u konsegwentement mhux il-wild naturali tal-intimat F M. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'hijiex it-tifla tal-intimat F M.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri K li twieldet nhar it-8 ta' Dicembru 2012 m'hijiex il-wild naturali tal-intimat F M izda wild tal-intimat C D;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' K li ghandu n-numru progressiv t'iskrizzjoni 3/2013 b'dan illi l-konnotati tal-intimat F M jigu mhassra

[4] Esebit a fol 33 tal-process
[5] Esebit a fol 45 tal-process
[6] Esebit a fol 38 tal-process

minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-konnotati ta' C D hekk kif elenkati fl-istess talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------